

Brussell, 30 ta' Settembru 2016
(OR. en)

12807/16

CLIMA 132
ENV 630
ONU 110
DEVGEN 215
ECOFIN 866
ENER 345
FORETS 52
MAR 247
AVIATION 196

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Settembru 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	12688/16 CLIMA 122 ENV 615 ONU 103 DEVGEN 209 ECOFIN 850 ENER 337 FORETS 46 MAR 241 AVIATION 192
Suġġett:	Tħejjijiet għal-laqqgħat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Marrakech (7 - 18 ta' Novembru 2016) – Konklużjonijiet tal-Kunsill(30 ta' Settembru 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tħejjijiet għal-laqqgħat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Marrakech (7 - 18 ta' Novembru 2016) adottati mill-Kunsill fit-3486 laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Settembru 2016.

Tħejjijiet għal-laqgħat tal-UNFCCC f'Marrakech (7-18 ta' Novembru 2016)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Ftehim ta' Pariġi

1. JILQA' B'SODISFAZZJON l-eżitu storiku u ambizzjuż li ntlaħaq f'Diċembru 2015 f'Pariġi fejn id-dinja adottat l-ewwel ftehim tassew globali u legalment vinkolanti bil-għan li tissaħħaħ ir-reazzjoni dinjija għat-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi għall-qerda tal-faqar, inkluż billi (a) iż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2°C ogħla mil-livelli preindustrijali u jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5°C ogħla mil-livelli preindustrijali, (b) tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u (c) l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti mal-mixja lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;
2. JISĦAQ FUQ l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li timplimenta l-elementi kollha tal-eżitu bbilanċjat ta' Pariġi, inkluż il-Ftehim, id-deċiżjoni COP ta' Pariġi (1/CP.21) u l-kontributi maħsuba determinati fil-livell nazzjonali (INDCs); u JISSOTTOLINJA l-importanza taż-żieda rapida tal-azzjoni dwar il-klima minn atturi mhux statali riflessi fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Lima u Pariġi, li ġiet żviluppata fl-Aġenda ta' Azzjoni Globali dwar il-Klima; JAĊĊENTWA l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) biex jinkisbu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

3. JILQA' l-ftehim fil-Kunsill dwar ir-ratifika, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi; JILQA' l-isforz li għamli l-Istati Membri kollha biex jiżguraw it-tlestija rapida tal-proċeduri nazzjonali ta' ratifika tagħhom; JAQBEL li fiċ-ċirkostanzi preżenti, huwa adatt li l-Unjoni tiddepożita l-istrument ta' ratifika tagħha sas-7 ta' Ottubru 2016; u JILQA' l-intenzjoni tal-Istati Membri li jiddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika jew flimkien mal-Unjoni jew kemm jista' jkun malajr wara; JILQA' l-momentum politiku internazzjonali lejn id-dħul fis-seħħ bikri tal-Ftehim ta' Pariġi fl-2016 u l-għadd dejjem ikbar ta' pajjiżi li diġà ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika tagħhom; JINKORAĠĠIXXI lil pajjiżi oħra biex jirratifikaw il-Ftehim mill-iktar fis possibbli; JAPPOĠĠA BIL-QAWWA l-approċċ inklużiv sabiex jiġi żgurat li l-Partijiet kollha jkunu jistgħu jkomplu jieħdu sehem u jikkontribwixxu totalment għall-iżvilupp tal-dettalji tal-Ftehim ta' Pariġi;

Implimentazzjoni domestika u appoġġ lis-sħab internazzjonali

4. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE li tkompli bl-implimentazzjoni tal-politiki tal-klima tagħha f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tagħha inkluż l-Unjoni tal-Enerġija u li tieħu azzjoni ambizzjuża dwar il-klima sabiex jiġi implimentat l-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali (INDC) tal-UE; JISSOTTOLINJA li skont data reċenti, l-UE ser tilħaq il-mira tagħha għall-2020 u dan ġie kkonfermat bil-livelli ta' emissjonijiet fl-2014 b'24% inqas mill-1990; ITENNI li l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà qegħdin jikkonformaw mal-emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto; IFAKKAR fil-qafas regolatorju tal-2030 li jinsab fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014, inkluż il-mira vinkolanti tal-UE dwar il-klima għall-2030 sabiex l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu domestikament b'mill-inqas 40 % meta mqabbla mal-emissjonijiet fl-1990; f'dan ir-rigward, JILQA' l-preżentazzjoni reċenti mill-Kummissjoni Ewropea tal-proposti f'setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS (Użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) u Regolament dwar il-Qsim tal-Isforz), li jsegwu l-proposta għal riforma tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet;

5. JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex jimplimentaw il-politiki u jwettqu miżuri biex jilħqu l-(I)NDCs tagħhom u jimpenjaw ruħhom fl-ippjanar tal-adattament u l-implimentazzjoni tal-azzjoni, u jiżguraw li l-(I)NDCs u l-azzjonijiet ta' adattament jiġu kompletament integrati fl-ippjanar nazzjonali tagħhom u fl-istrategġiji tagħhom fis-setturi kollha tal-ekonomija; JENFASIZZA l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jkomplu jikkondividu esperjenzi ma' pajjiżi sħab u jappoġġawhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki ambizzjużi dwar il-klima, fil-kuntest ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi u li huwa reżistenti għat-tibdil fil-klima; JAPPREZZA l-isforzi li qed isiru attwalment mill-istati, ir-reġjuni u l-atturi mhux statali biex isir progress fi strumenti kost-effettivi ta' tnaqqis, inkluż l-ipprezzar tal-karbonju; U JILQA' aktar sforzi f'dan il-qasam;
6. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' strategġiji ta' żvilupp fit-tul b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra bħala għodda ta' politika biex jiġu żviluppati modi affidabbli biex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi globali minn sorsi u l-assorbiment minn bjar tal-gassijiet b'effett ta' serra fit-tieni nofs tas-seklu; JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex tħejji analiżi approfondita tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' modi li huma koerenti ma' dan l-għan fit-tul dwar it-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex id-dibattitu politiku jiġi infurmat fil-kuntest tal-iżvilupp ta' strategġiji ta' nofs is-seklu, strategġiji dwar l-iżvilupp ta' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra;
7. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom l-impenn li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, bħala parti minn sforz globali, immexxi mill-pajjiżi żviluppati, b'mod partikolari biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-mitigazzjoni u l-adattament biex jimplimentaw l-istrategġiji mmexxija mill-pajjiżi, b'mod partikolari l-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali; ITENNI li r-rwol tal-finanzjament pubbliku tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ser jibqa' sinifikanti; JIKKONFERMA li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jipprovdu finanzjament pubbliku tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għal skopijiet ta' mitigazzjoni u adattament; JIRRIKONOXXI lis-settur privat bħala sors ewlieni ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u ta' flussi ta' investiment rilevanti oħra; JILQA' l-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi jibgħat sinjal qawwi lis-settur privat biex jerġa' jorjenta l-flussi finanzjarji lejn investimenti favur emissjonijiet baxxi ta' karbonju u li jkunu reżiljenti għat-tibdil fil-klima; JIKKONFERMA l-ħsieb tiegħu li jadotta malajr konklużjonijiet dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

8. JILQA' l-Inizjattiva ta' Sħubija dwar l-NDC li għandha titnieda f'Marrakech fit -22 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP 22);

Proċess internazzjonali

9. JISĦAQ li skont il-Ftehim ta' Pariġi, sabiex jilhqqu l-għan fit-tul li għandu dwar it-temperatura, il-mira tal-Partijiet hi li jaslu sal-massimu globali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra malajr kemm jista' jkun, u minn hemm iwettqu tnaqqis rapidu, sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbiment mill-bjar tal-gassijiet serra fit-tieni nofs tas-seklu; IFFAKKAR fl-oġettiv tal-UE, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont l-IPCC mill-pajjiżi żviluppati bħala grupp, li l-emissjonijiet jitnaqqsu bi 80-95 % sal-2050 meta mqabblin mal-1990; JILQA' d-deċiżjoni mill-IPCC li jipprovdi rapport speċjali fl-2018 dwar l-impatti tat-tiżhin globali ta' 1.5 C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u modi relatati mal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra;
10. IFAKKAR BI TĦASSIB fil-konklużjonijiet tar-Rapport ta' Sinteżi tas-Segretarjat tal-UNFCCC dwar l-effetti aggregati tal-INDCs li attwalment mhux qed jilhqqu l-isforzi meħtieġa biex jintlaħaq l-għan fit-tul dwar it-temperatura; JISSOTTOLINJA f'dan il-kuntest l-importanza kritika taċ-ċiklu ambizzjuż u l-qafas ta' trasparenza stabbilit fil-Ftehim ta' Pariġi; JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex ifasslu proċess ta' analiżi globali adegwat li jgħin biex jissaħħu l-azzjonijiet domestiċi tagħhom, l-ambizzjoni globali u l-koooperazzjoni internazzjonali volontarja u li jevalwa l-progress kollettiv biex jintlaħaq l-għan ta' dan il-Ftehim u l-għanijiet fit-tul tiegħu filwaqt li jitqiesu l-mitigazzjoni, l-adattament u l-mezzi ta' implimentazzjoni; u JENFASIZZA l-importanza li jsir sforz biex ikun hemm perijodi ta' żmien komuni għall-INDCs tagħhom;
11. F'dan il-kuntest, JIPPREVEDI l-parteċipazzjoni attiva tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri fid-Djalogu ta' Faċilitazzjoni tal-2018 bħala l-ewwel opportunità importanti sabiex jiġu analizzati l-isforzi kollettivi tal-Partijiet fir-rigward tal-progress biex jintlaħaq l-għan fit-tul dwar it-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi;

12. IFAKKAR fl-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jsaħħu l-kooperazzjoni u l-azzjoni konġunta konkreta ma' pajjiżi sħab skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 għad-Diplomazija dwar il-Klima.

Riżultati tanġibbli ta' Marrakech

13. JAPPOĠĠA l-Presidenza Marokkina li jmiss tal-COP/CMP fl-inizjattivi tagħha fit-tnejn u waqt il-COP 22 bl-għan ta' eżitu ta' suċċess għall-Partijiet kollha;
14. JISSOTTOLINJA li l-COP 22 f'Marrakech ser tkun COP ta' azzjoni u implimentazzjoni u għandha turi impenn globali kontinwu favur azzjoni ambizzjuża dwar il-klima, inkluż billi jsir progress sostanzjali fil-programm ta' ħidma sabiex d-dettalji tal-Ftehim ta' Pariġi jissarrfu skont id-Deċiżjoni 1/CP.21 u biex titħejja l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim li huma l-mitigazzjoni, l-adattament, il-mezzi ta' implimentazzjoni u l-appoġġ b'mod ibbilanċjat; JIRRIKONOXXI f'dan il-kuntest ir-rwol ewlieni tal-korpi kostitwiti tal-Konvenzjoni;
15. JAPPELLA għal rieżami b'suċċess tal-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja (WIM) għal Telf u Ħsara u tal-Kumitat ta' Adattament waqt il-COP 22 sabiex ikun possibbli li l-ħidma tagħhom tkompli b'mod effiċjenti u effikaċi; JILQA' l-progress fit-tnedija tal-Kumitat ta' Pariġi għat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet (PCCB), b'mod partikolari billi jintlaħaq qbil dwar it-termini ta' referenza tiegħu, u l-Inizjattiva ta' Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għat-Trasparenza;
16. JINNOTA B'APPREZZAMENT il-progress li sar mill-Partijiet fit-titjib tar-rapportar trasparenti tal-azzjonijiet ta' mitigazzjoni tagħhom; JISTENNA B'INTERESS iċ-ċiklu li jmiss tal-proċessi ta' evalwazzjoni multilaterali u kondiviżjoni faċilitattiva skont il-Konvenzjoni f'Marrakech; JISSOTTOLINJA l-importanza li dawn l-attivitajiet jinfurmaw dwar l-iżvilupp ta' modalitajiet, proċeduri u linji gwida komuni tal-qafas ta' trasparenza u responsabbiltà skont il-Ftehim ta' Pariġi;

Azzjoni ta' qabel l-2020 u l-Aġenda ta' Azzjoni Globali dwar il-Klima

17. JENFASIZZA li l-Partijiet kollha jeħtieġ li jaġixxu sabiex tittejjeb l-azzjoni ta' qabel l-2020; JILQA' l-proċess li jidentifika opportunitajiet għat-tisħiħ tal-ambizzjoni ta' mitigazzjoni ta' qabel l-2020 f'oqsma b'potenzjal għoli ta' mitigazzjoni u biex jiġu implimentati politiki ta' mitigazzjoni dwar l-aħjar prattiki u teknoloġiji pprovati, inkluż l-Inizjattiva Afrikana għall-Enerġija Rinnovabbli, il-Patt Globali tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, l-Innovazzjoni tal-Missjonijiet, il-Koalizzjoni għall-Klima u l-Arja Nadifa, l-Inizjattiva għall-Assigurazzjoni tar-Riskji tal-Klima u l-Inizjattiva dwar ir-Riskji tal-Klima u s-Sistemi ta' Twissija Bikrija; JILQA' wkoll il-proċess biex jiżdiedu l-fehim, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' azzjonijiet ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet;
18. JISSOTTOLINJA l-importanza li jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi ta' kooperazzjoni multilaterali permezz tal-Konvenzjoni u ta' azzjonijiet volontarji u kollaborattivi permezz tal-Aġenda ta' Azzjoni Globali dwar il-Klima, inklużi azzjonijiet minn awtoritajiet sottonazzjonali, bliet, negozju u s-soċjetà ċivili; JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi żgurata l-kontinwità fl-attenzjoni politika għal għażliet potenzjali ta' mitigazzjoni għolja u adattament billi l-proċess ta' eżami tekniku jintrabat ma' avvenimenti regolari f'laqgħat intersessjonali u avvenimenti annwali ta' livell għoli fil-COPs futuri sal-2020, kif ukoll il-ħtieġa li l-Laqgħat ta' Esperti Tekniċi jiffukaw fuq ambitu idjaq u li jintrabtu b'mod aktar ċar ma' inizjattivi konkreti fl-Aġenda ta' Azzjoni Globali dwar il-Klima; JISTENNA B'INTERESS l-avveniment ta' Livell Għoli fil-COP 22 għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki, l-għażliet ta' politika u l-azzjonijiet;
19. JIRRIKONOXXI li l-mezzi ta' implimentazzjoni, inkluż il-finanzjament, it-trasferiment u l-iżvilupp tat-teknoloġija, it-tisħiħ tal-kapaċità, b'mod partikolari għall-pajjiżi bl-inqas kapaċità jew li huma partikularment vulnerabbli, għandhom jikkontribwixxu għal azzjoni msaħħa ta' qabel l-2020; JISTENNA B'INTERESS id-djalogu faċilitattiv fil-COP 22 biex jevalwa l-progress u l-opportunitajiet għall-mobilizzazzjoni tal-appoġġ u ta' ambjenti favorevoli għall-ħidma; IFAKKAR fl-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jagħmlu progress fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tat-tibdil fil-klima;

Proċessi oħrajn

20. JISTENNA B'INTERESS ftehim ambizzjuż taħt il-Protokoll ta' Montreal, f'konformità mal-mandat tal-Kunsill, sabiex jiġu limitati l-konsum u l-produzzjoni ta' idrofluworokarburi (HFCs) bħala kontribut importanti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fit-28 Laqgħa tal-Partijiet (MOP 28) li għandha ssir għall-Protokoll ta' Montreal (Kigali, 8-14 ta' Ottubru 2016);
21. JAPPOĠĠA l-isforzi mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u l-adozzjoni ta' Miżura Globali Bbażata fuq is-Suq (GMBM) fl-Assemblea li jmiss tal-ICAO (mis-27 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru 2016), f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni kif definita mill-Kunsill, bħala l-ewwel pass mis-settur tal-avjazzjoni lejn aktar sforzi globali ta' mitigazzjoni; JENFASIZZA l-bżonn li tiġi żgurata l-integrità ambjentali inkluż billi jiġi evitat il-kalkolu doppju;
22. JINKORAĠĠIXXI lill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) sabiex tkompli tindirizza l-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu internazzjonali bil-ħsieb li tikkontribwixxi s-sehem xieraq tagħha għall-isforz globali ta' mitigazzjoni.